# ... U JIFDAL BISS IL-MEMORJI !!

*Eric Bonanno*

Fl-istorja ta' kull soċjetà, ħajjitha tkun intisġet minn għadd ta' mumenti uniċi; avvenimenti ġieli storiċi fihom infushom ukoll; episodji li fihom tkun ġabret lil dawk kollha li jħaddnu l-istess ideal tagħha magħha. Ħadd minna mhu etern u wara li nkunu nżilna 6 piedi taħt l-art jibqa' biss il-memorja tagħna warajna. Ir-ritratti jibqgħu l-aktar xhieda unika li soċjetà qatt jista' jidhrilhata' dak kollu li jkun ġara fi ħdanha.

Mhux l-iskop tiegħi hawnli nagħmel rakkont kronoloġiku bħalma kont għamilt f'għeluq il-100 sena ta' din is-Soċjetà imma ser nikkonċentra (fil-parti l-kbira)fuq għadd ta' ritratti partikolari u/jew li stajt nidentifikalil xi nies li jidhru fihom biex b'hekkinġeddu l-memorja tal-avvenimenti u ta' dawk li kienu jagħmlu parti minn din is-Soċjetà sa madwar 40 sena ilu.

***CircoloLa Vittoria:***

Dan l-ewwel ritratt huwa partikolari ħafna għax aktarx huwa l-uniku li għadu jeżisti tal-bandafl-ewwel snin tagħha u għax fih jidhru wkoll bosta mill-ewwel bandisti tas-Soċjetà.Kien ittieħed fl-1926 quddiem it-tieni sede[1] tagħha.

F'dar-ritratt jidhru wkoll is-sett ta' qniepenirregalatilis-Soċjetà mill-Markiż John Scicluna u s-sinjura tiegħu, Maria Violetta, il-bandalora l-ġdida mogħtija mill-Viċi-President ta' dik il-ħabta, is-Sur Mikiel Caruana, kif ukoll il-bandiera l-kbira bil-Bambinau fuqha l-kliem *Nativitatis Tua GaudiumAnnuntiavit* (i.e. *B'ferħ tħabbar it-twelid tiegħek*).

F'dan ir-ritratt wieħed jinnota żewġ armi importanti fil-kantunieri tal-bandiera. Fuq tal-lemin jidher il-*Union Jack* peress dak iż-żmien Malta kienet għadha kolonnjaBrittanika u fuq in-naħa l-oħra tidher dik ta' Malta mingħajr is-salib tal-*George Cross*. Dan għaliexkien għad fadal16-il sena oħra biex jingħata lil pajjiżna.

Minn ritratti oħra nafu li fil-kantuniera t'isfel tax-xellug kien hemm l-arma tal-Mellieħa waqt li f'tal-lemin kien hemm oħra ta' Malta. Taħt riġlejn il-Madonna kien hemm il-kliemieħor *"Pvi......t Luna"*. Sfortunatament ma nafux eżatt x'kien hemm miktub.




[1] Dak iż-żmien kienet id-dar N$^{ru}$. 43 fil-Pjazza tal-Parroċċa u li tinsab eżatt faċċata tal-Knisja fejn illum hemm Sultana Drapery tal-familja Sultana tal-Qargħa.

**Fig. 1a. Il-banda *"La Vittoria"* fl-1926**

S'issa rnexxielna nidentifikawil-bandisti mmarkati hawn taħt.




**Fig. 1b.**

1. Toni Fenech tal-Fanali (jew ta' Smith)
2. Manwel Vella l-Ġoles
3. Ġanninu Muscat tal-Iskarpan
4. Toni Debono l-Kika
5. M$^{ro.}$ Nicola Montebello
6. Salvu Muscat tal-Iskarpan
7. Toni Gauci ta' Qiegħu
8. Salvu Abela l-Fus
9. Wiġi Bartolo taż-Żejqer
10. Anġlu Muscat tal-Iskarpan
11. Ġużeppi Deguara l-Banker
12. Anġlu Fenech ta' Mazzitu jew tal-Latmajt
13. Toni Cutajar il-Kaċċu
14. Karmnu Gauci l-Kukin (jew is-Sagristan)
15. Ġużeppi Attard il-Boħħ
16. Lażżru Deguara ta' Baskal
17. Pawlu Vella t-Tork
18. Kelinu Muscat tal-Iskarpan
19. Ċensu Bartolo l-Minċens
20. Ġanni Caruana
21. Ġanni Muscat il-Maduwi
22. Karmnu Gauci il-Kanku
23. Ġużeppi Debono Boroż
24. Baskal Deguara ta' Lażżru
25. Ninu Muscat tal-Iskarpan
26. NN Fenech tax-Xuxett
27. Stejfen Debono ta' Serafin jew ta' Bandallu
28. Salvu Bartolo tas-Sinktu
29. Ġużeppi Fenech ix-Xaħxi
30. Anġlu Bartolo l-Ġakku.

Ta' min isemmi wkoll li bosta minn dawk li jidhru f'dan l-ewwel ritratt kienu jagħmlu parti mill-ewwel bandaffurmata fl-1907 (Fig. 2). Din li ġejja hija lista ta' dawn il-bandisti pijunieri tal-*La Vittoria*.

| | |
|---|---|
| Klarini: | Pawlu Borg, ĠammriCamilleri, VitorButtigieg tat-Turlotta, Ġużeppi Muscat tal-Iskarpan, KarmnuAbela, Lonzu Muscat tat-Tunett, IndriGauci, SpiruGrima tal-Qablu.[2] |
| Kwartini: | Karmnu Bartolo, Karmnu Bartolo. |
| Ottavin: | ĠużeppiZammit ta' Zammit. |
| Terzini: | Antonio Vella, Charlie Borg. |
| Klarini Baxxi: | ĊensuFenech il-Minċens, ĠużeppiDebono Boroż. |
| Baritoni: | Kelinu Muscat tal-Iskarpan, ĠużeppButtigieg. |







[2]Ma' dawn aktarx kien hemm ukoll Giovann Vella Tal-Abjad, wieħed mill-fundaturi.




**Fig. 2. Uħud mill-43 bandisti tal-ewwel banda, iċ-*Circolo La Vittoria*: (i) Karmnu Gauci l-Kukin; (ii) Franġisk Bonello ta' Saver;(iii) Ċensu Bartolo l-Minċens u (iv) Anġlu Mifsud ta' Milja; (v) Ġużeppi Muscat tal-Iskarpan; (vi) Ġużepp Debono Boroż; (vii) Salvu Bartolo s-Sinktu.**

| | |
|---|---|
| Oboe: | ĠammriFenech tal-Babbu, Ġużeppi Muscat tal-Iskarpan[3] |
| Kurunetti: | Ġakbu Muscat, FrenċButtigieg, SpiruVella, BastjanCiavola, Ġużeppi Muscat. |
| Ewfonji: | SalvuGrimatal-Baxana, FranġiskBonello ta' Saver. |
| Korni: | NinuDebono, ToniCaruana ta' Gallina. |
| Sassofoni: | KarmnuAbela, KarmenuStellini. |
| Trumbuni: | IndriFenech, Indri Gauci, Indri Muscat, ĠovannFenech, William Howe – Willie t-Tork. |
| Baxxi: | KelinuFenech, ĊensuVella, KarmnuGauci l-Kukin, IndriGauci, Salvu Bartolo s-Sinktu. |
| Batterija: | FranġiskXuereb, ĠużeppCutajar, KarmnuGauci. |

***Faxxisti?***

Xi ħaġa ferm interessanti li hemm fil-każin huwa standard bl-insinja faxxista fuqu (Fig. 3). Bla ma jrid dak li jkun jistaqsi kif xi ħaġa bħal din spiċċat għand is-Soċjetà meta lkoll nafu Malta kemm sofriet minn taħt idejn il-Faxxisti ta' Mussolini fit-Tieni Gwerra Dinjija.




[3]Ġużeppi Muscat tal-Iskarpan u Franġisk Bonello ta' Saver kienu tnejn mill-fundaturi.

**Fig. 3. Dettal mill-istandard irregalat mill-banda ta' Noto li fuqu jidher il-fasces u l-insinja tal-familja Rjali Taljana ta' Savoia**

L-okkażjoni tal-għotja ta' dan l-istandard partikolari kienet l-ewwel mawra li l-*La Vittoria* kienet għamlet barra minn Malta. Immexxija mis-Surmast PaċifkuScicluna, fil-31 t'Awwissu 1930 il-banda kienet tat programm għall-festa ta' *San Corrado* ġewwa Noto fi Sqallija u dan l-istandard kien ingħatalha b'tifkira ta' dik il-mawra.
Għal din l-okkażjoni l-banda daqqet tliet darbiet. L-ewwel servizz kien sar fil-*Giardino Vittorio Emanuele III* fejn il-banda tat programm flimkien mal-banda *Citta di Noto*. L-għada ż-żewġ baned reġgħu taw programm ieħor fl-istess post u nhar il-31 t'Awwissu l-banda Melliħijadaqqet programm fi *Piazza Trigona*. L-eżekuzzjonijiet tal-*La Vittoria* ntlaqgħu tajjeb ħafna u n-nies kienet ħarġet bl-eluf tassisti għall-programmi mtellgħin.

L-istandardirregalat huwa magħmul fuq l-isfond tal-bandiera Taljana. Fil-faxx l-abjad tan-nofs jidher kemm il-*fasces* (l-insinja Faxxista) kif ukoll l-ajkla (l-insinja tal-Familja Rjali Taljana; is-Savoia).

Iż-żewġ insinji jfakkru żmien partikolari meta r-reġim faxxista ta' *Benito Mussolini* baqa' jiġi ttolleratmir-Re*Vittorio Emanuele III*[4]fil-Parlament Taljan; mossa li biż-żmien anke wasslet biex twarrbet il-Monarkija Taljana.

***Familja ta' Bandisti:***

Fl-imgħoddi billi ma tantx kien hawn attivitajiet fiex wieħed jinvolvi lilu nnifsu, il-banda kienet isservi ta' żvog qawwi għal ħafna, kemm kbar ukemm żgħar. Kienet attrazzjoni għal bosta u kien hemm min kellu l-mużika f'demmu. Famija partikolari li sal-lum stess għadha tagħti nies lis-Soċjetà kienet dik ta' Muscat, imlaqqma tal-Iskarpan (Fig. 4. u5.)

Jista' jkun li kienet l-unika familja fil-gżejjer Maltin li fl-istess ħin kellha xejn anqas minn ħames membri jdoqqu flimkien.

Jekk wieħed jifli l-lista tal-ewwel bandisti mill-ewwel jara li l-laqam tal-Iskarpan jispikka hemm ukoll. Il-kontribut ta' din il-familja kien sa mit-twelid tas-Soċjetà għax fil-fatt, wieħed mill-fundaturi (Ġużeppi Muscat)kien ħareġ minnha wkoll.





**Fig.4. (Mix-xellug għal-lemin: wara)Fig. 5. (Mix-xellug) Ġanninu u Ninu[5]**
**Ġanninu, Kelinu u Ninu; (quddiem) Muscat tal-Iskarpan. Iż-żewġ ritratti**
**Anġlu u Salvu Muscat tal-Iskarpan.Fig. 4 u 5 ittieħdu fl-1932.**

***Il-La Vittoria fil-Karnival ta' Malta:***

[4]Fil-fatt, ir-Re Vittorio Emanuele III kien anke ħatar lil Benito Mussolini bħala Prim Ministru fil-Parlament Taljan.
[5]Ninu Muscat tal-Iskarpan kien anke magħruf bħala Ninu l-Ħajjat.

Wara 21 sena minn meta twaqqfet, il-banda*La Vittoria*bdiet tieħu sehemfl-isfilati tal-Karnival ta' Malta u l-ewwel parteċipazzjoni tagħha kienet ingħatat l-isem ta' "Il-Bdiewa".

Il-parteċipazzjoni tal-banda fl-ewwel 46 sena tagħhakienet saret kif jidher hawn taħt. Ġieli pparteċipat fuq kummissjoni wkoll (Fig. 10.)

| | |
|---|---|
| 1928: | Il-Bdiewa |
| 1929: | Tieġ Antik |
| 1930: | Għarajjes Friski |
| 1931: | BontonEgizian (Fig. 6.) |
| 1932: | *GanFrusalia* |
| 1933: | *Girasole* |
| 1934: | Astronomi |
| 1935: | *AmourAuxChamps* (Fig. 7.) |
| 1936: | Ġnien Ingraw |
| 1937: | Ali Babà |
| 1946: | *MerryClowns* |
| 1947: | *Pagliacci* |
| 1950: | *OldQuarterMasteròBrigade* |
| 1952: | *GardenReveliero* (Fig. 8. u 9) |



**Fig. 6. BontonEgizian - 1931. Hawn il-banda tidher nieżla minn quddiem il-Kappella ta' Santa Katarina tal-Italja u l-Kappella tal-Vitorja fil-Belt Valletta.**

F'Fig. 6. wieħed jinnota li l-ilbies tan-nies jikxef ħafna dettalji fuq il-moda f'dawk iż-żminijiet.

Dik il-ħabta kienet l-użanza li kull raġel li jidħol il-belt kien irid jilbes il-kappell,il-lobbja jew il-beritta. L-għonja aktarx kont tarahom b'xi bastun f'idejhom ukoll (kif jidher fin-naħa t'isfel tar-ritratt). Għall-jiem tas-sajf il-kappell tas-sinjuri kien jinbidel għal wieħed tat-tibna b'faxxorlaturasewda wiesgħa xi pulzier u nofs (*ca.* 4ċm.) mad-dawra kollha.

Mit-tip tal-ilbies jintgħażlu ż-żewġ klassijiet tan-nies: is-sinjuri bil-kpiepel u dawk aktar foqra bil-beritta tal-pizz. Ħafna min-nisa jidhru libsin l-għonnella u huma ftit dawk li m'għandhomx. Mix-xeħta tagħhom, dawn tal-aħħar aktarx huma nisa Beltin għax kollha libsin pulit: karatteristika tal-Beltin ta' qabel l-aħħar gwerra. Iż-żewġ qassisin li jidhru fir-ritratt it-tnejn li huma libsin is-saturno (i.e. il-kappell kbir u tond) u s-suttana u dak li hemm quddiem il-posta l-antika (xellug) anke liebes il-firjol (i.e. kappa qasira).

Fil-1935 il-Banda pparteċipatfl-isfilata bit-tema *"AmourAuxChamps"*. Fir-ritratt (Fig.7.) il-banda tidher qed tagħti s-servizz tagħha fi Pjazza San Ġorġ quddiem il-*MainGuard*.Għall-istess karnival il-banda kienet anke ħarġet b'sett maskri grotteski mill-isbaħ. Minbarra l-isfilata tas-soltu ġewwa l-Belt, il-banda kienet għamlet sfilata oħra biż-żfin fil-pjazza tal-Mellieħa:inizjattiva li tgħidx kemm kienet intlaqgħet tajjeb mill-Mellieħin.

Ta' min isemmi wkoll li fis-snin 1935, 1936, 1937, 1951 u 1953 il-banda *La Vittorja* ngħatat l-ewwel premju għall-parteċipazzjonijiet tagħha.




**Fig. 7. *AmourAuxChamps* – 1935. Is-servizz tal-*La Vittoria* quddiem il-Palazz tal-Gvernatur (dik il-ħabta, l-Ġen. *Sir David G. M. Campbell*[6])**



**Fig. 8. *GardenReveliero* -1953**

[6]*"Fort Campbell"*, il-fortizza ta' Selmun kienet issemmiet għal dan il-Gvernatur.

Fil-każin għad fadlilna biċċa minn ritratt interessantiferm (Fig. 9.) ta' wħud mill-bandisti li kienu ħadu sehem fl-isfilata tal-"*GardenReveliero*" tal-1953. Ma jistax ikun li ma nġibuhx hawn!



**Fig. 9. Uħud mill-bandisti li ħadu sehem fl-isfilata tal-1953 – *GardenReveliero.***

Mix-xellug għal-lemin (wara) jidhru Anġlu Grima ta' Spiru (Baxx); Ġanni Micallef it-Twila (Baxx); Kelinu Muscat tal-Iskarpan (Kurunetta); Ċensu Bartolo tal-Mingam (Baxx); Anġlu Mifsud ta' Milja (Baxx); Stejfen Debono ta' Serafin jew ta' Bandallu (*Trombone*); (quddiem) Anthony Bartolo ta' Kawżu (Klarinett); Ġużeppi Buttigieg it-Turlotta (Klarinett); Ninu Frendo ta' Frendo (Kwartin) u Manwel Vella il-Ġoles (Saxophone).

Ritratt ieħor interessanti juri l-parteċipazzjoni tal-banda bit-tema "*LesGitans*" (Fig. 10.) li kienet saret fuq kummissjoni.

F'dan ir-ritratt jidhru bosta bandisti li ssibhom f'Fig. 8 u 9 ukoll u allura wieħed jikkonkludi li ma ttiħedx wisq bogħod mill-1953. Kien ittieħed fil-foss ta' San Ġakbu taħt il-Belt Valletta. Għażilt li nuri dar-ritratt minn oħrajn proprju minħabba l-karru satiriku li jidher fuq in-naħa tal-lemin.

*Ikompli f'ħarġa oħra...*